# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

## Magistrat Dr. Yana Micallef Stafrace LL.D.

Pulizija

(Spettur Diane Vella )

Vs

Anil Koyyada

Illum 12 ta' Mejju, 2025

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijet fil-konfront Anil Koyyada imwieled fil-08/06/2000 u joqghod Roses, Triq Gammari Camilleri, Mgarr ID 418597A.

Billi int akkuzat talli fit-22 ta' Lulju, 2024 ghall-habta ta' 21.37 hrs f'Triq Wesgha tal-Muzew, Rabat, Malta soqt vettura b'numru ta' registrazzjoni HBV 725;

1. U b'nuqqas ta' hsieb u bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-

traffiku, hbatt ma' vettura nru. ECM100 u involontarjament ikkagunajt hsarat ghad-dannu ta' Mark Gatt, Kap 9 Art 328(d).

2. U talli soqt jew pruvajt issuq jew kellek kontroll tal-imsemmija vettura fi triq jew f'post pubbliku meta ma kontx f'kundizzjoni li ssuq minhabba xorb jew drogi, Kap. 65 Art 15A.
3. U aktar talli ippruvajt issuq jew kellek kontroll tal-vettura fit-triq jew f'post pubbliku wara li kkunsmajt tant alcohol li l-proporzjon tieghek fin-nifs, fid-demm jew fl-urina kien izjed mill-limitu preskritt (0.90.7 µg/100 ml), Kap 65 Art 15B;
4. U aktar talli soqt l-imsemmija vettura minghajr ma kellek licenzja tas-sewqan mill-Awtorita' Dwar it-Trasport ta' Malta, Kap 65 Art. 15(1)(a)(3).
5. Soqt l-istess vettura minghajr ma kont kopert b'polza tas-sigurta' dwar ir-riskji tat-terzi persuni, Kap. 104 Sec 3(1);
6. U talli soqt l-imsemmija vettura b'manjiera traskurata. Kap. 65 Art 15(1)(a)(2).

Il-Prosekuzzjoni titlob li tigi skwalifikat/a mill-licenzji kollha tieghek tas-sewqan.

Il-Qorti hija gentilment mitluba li f'kaz ta' htija minhabba li tinfliggi il-piena skont il-ligi, tnaqqas il-punti mill-licenzji tas-sewqan hekk kif stabbilit mill-L.S. 65.18 Art 36B u fil-65.18 Sitt Skeda.

Rat l-artikolu 328 (d)tal-Kap 9 u art 15(1)( a)(2) (3) 15A 15Btal-Kap 65 art 104 sec 3(1) fil-L.S. 65.18Art 36(B) u fil-LS65.18 Sitt Skeda tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat ix-xhieda kollha prodotta mill-Prosekuzzjoni.

L-imputat ghazel li ma jixhidx.

Rat l-atti kollha u x-xhieda u dokumentazzjoni kollha prodotta.

Semghet it-trattazzjoni.

**Ikkunsidrat**

**Ps 126 J Gatt u Kenneth Pace** xehdu permezz ta’ affidavit

**Erika Gatt Falzon,** xehdet hekk

Pros: Inti kont involuta f'xi inċident tat-traffiku?

Xhud: Iva.

Pros: Meta u fejn?

Xhud: Kien is-Sajf.

Pros: Taf id-data?

Xhud: Fl-aħħar ta' Lulju ma niftakarx id-data is-sena 2024 kien ir-Rabat hdejn ir-Roman Villa.

Pros: X`gara spjega daqsxejn il-Qorti x'ġara?

Xhud: Kont bil-karozza kont għadni kif tlaqt minn ħdejn Roman Villa mbagħad hemm ir-roundabout. Jiena kont sejra lejn il-bieb prinċipali tal-Imdina dawk in-naħat.

Qorti: Jigifieri il-muzew kien warajh u r-roundabout fejn hemm is-Serkin u dawk?

Xhud: Ezatt, fejn il-carpark, jiena kont għaddejja hemm ir-roundabout waqaft għax hemm iż-żebra crossing u niftakar qasmu ħafna nies imbagħad bdejt miexja ovvjament biex inkompli sejra u smajt ħoss żgħir ma tantx kien qawwi u ħarist fil-mera tal-ġenb u rajt xi ħadd mal-art u mutur mal-art.

Qorti: Jigifieri l-hoss kien minn warajk?

Xhud: Ehe, hekk ħassejtu qisu jiena lanqas kont se nieqaf ngħidlek il-verità għax ghedt din il-karozza tiegħi speċi x'ġara.

Pros: Imbagħad inti x' għamilt imbagħad?

Xhud: Jiena mela meta rajtu,

Pros: Mela inti rajtu mil-liema mera nibdew minn hemmhekk?

Xhud: On my right. Imbagħad jiena waqqaft il-karozza ħriġt mill-karozza ngħidlek il-verità kont taħt xokk qas bdejt nemmen li x`rajt ma kontx qed nħares għax harist l-isfel dan kien hemm persuna mal-art ma kienx qed jiċċaqqlaq.

Pros: Persuna jiġifieri tal-mutur?

Xhud: Iva u l-mutur mal-art ukoll ovvjament.

Pros: Il-persuna taraghfha hawnekk li rajt dak il-ħin inti?

Xhud: Naf li kien mhux Malti imma ma nistax ngħid eżatt. Jiena il-biża' kienet li hu ma kienx, kien qisu fin-nofs tat-triq, dik erġajt dħalt fil-karozza għax jiena naħseb li kien hemm karozza baqgħet għaddejja ġejja mid-direzzjoni opposta. Erġajt mort fil-karozza ma stajtx nitkellem qbadt il-mowbajl u bdejt inpapaq għax ġo rasi kont qed naħseb kont rajt dawk in-nies kollha jaqsmu n-nies u ghedt xi ħadd se jiġi se jisma' l-karozza jekk nibqa' inpaq u jiġi jara erġajt mort dan ma kienx qed jiċċaqlaq ftit minuti bdew jiġu n-nies u ftit wara l-pulizija kważi mal-ewwel il-pulizija kienu hemm ukoll.

Pros: Inti il-vettura tiegħek x`number plate għandha x'numru?

Xhud: ECM 100.

Qorti: Il-karozza tiegħek proprjetà tiegħek sinjura?

Xhud: Tagħna insomma tar-raġel.

Qorti: Ma min insurance?

Xhud: Ma Gatt.

Pros: U x' danni kellek inti fil-vettura tiegħek?

Xhud: Fil-bieb fuq fuq in-naħa tar-right il-bieb u l-bieb ta' wara tal-passenger seat ta' wara u tiegħi right.

Pros: Il-hsarat sewwejthom inti?

Xhud: Le ghandi le.

Qorti: Mhux hi Gatti rid jghidlek mhux hi. Grazzi sinjura.

**Mark Gatt** xehed hekk

Pros: Mela Mark inti kont involut f'xi inċident tat-traffiku?

Xhud: Mhux jiena il-mara tieghi.

Pros: Ehe u x`gara li tista tghidilna minn naha tieghek?

Xhud: Jiena il-mara ċemplitli ma nafx meta ġurnata meta ċemplitli ma niftakarx eżatt il-ġurnata u l-ħin ngħidlek il-veirta naf li kien fil-ħin filgħaxija kellha xi ħaġa Sant'Agata filgħaxija.

Pros: Inti mort fuq il-post?

Xhud: Le ma mortx mm għax kellha xi ħbieb tagħha marru marru hemmhekk u sa dak il-ħin kienu ġew il-pulizija marru viċin ta' telefonata li għamlitli allura qaltli m'għandekx għalfejn titla'. U ċemplitli ppanikkjata ħafna u qaltli daħal xi hadd ġo fija. Kienet mitlufa insomma qaltli hawn xiħadd mal-art ħdejn il-karozza u dak hu bażikament jiġifieri ippanikjata u jien qed nipprova ngħidilha tikkalma kont.

Pros: U X'kienu l-karozza qiegħda fuq min qiegħda?

Xhud: Il-karozza qeghda fuq ismi.

Pros: Number plate?

Xhud: ECM 100.

Pros: U Ħsarat li sofrejtu fuq il-vettura?

Xhud: Il-hsarat huma l-ġenb tal-karozza fuq il-bibien tan-naħa ta' driver.

Pros: Dawk semmejtuhom intom il-ħsarat?

Xhud: Le qed nistennew il-parts jiġu mill-insurance.

Qorti: Ghandek xi survey jew xi haga imma?

Xhud: Hemm l-insurance direttament eżatt ma l-insurance.

Qorti: Inti m'għandekx dak id-dokument?

Xhud: Le id-dokument m'għandi xejn jiena direttament mal-insurance.

Qorti: Kontro-eżami?

Avu: Le xejn.

**Ikkunsidrat**

Illi ma hemmx prova fil-grad rikjest fil- kamp kriminali ta' "beyond a resasonable doubt" li l-imputat kien is-sewwieq tal-mutur. Fl-affidavit ta' PS 126 J Gatt ma hemm imkien imnizzel li l-imputat qal li kien qed isuq xi vettura. Inoltre ma jirrizultghax li l-imputat inghata d-dritt tas-silenzju sabiex ma jinkriminax ruhu.Inoltre Dok A juri data differenti mid-data tal-incident. Bhekk l-imputazzjonijiet ma giewx ippruvata.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi wara li rat l-artikoli 328 ( d)tal-Kap 9 u art15(1) (a)(2) (3) 15A 15Btal-Kap 65 art 104 sec 3(1) fil-L.S. 65.18Art 36(B)

u fil-LS65.18 Sitt Skeda tal-Ligijiet ta' Malta issib lil Anil Koyyoda mhux hati tal-imputazzjonijiet fil-konfront tieghu u tilliberah minn kull htija u piena.

**DR. YANA MICALLEF STAFRACE LL.D.**
**MAGISTRAT**

**Doris Serpina Sciberras**
**Deputat Registratur**